## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Appell Nru: 389/2014

**Il-Pulizja**

**()Spettur Sarah Magri**

**Vs**

**Paul Zahra**

***Omissis***

***Omissis***

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant Paul Zahra detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 80453M flimkien ma *omissis* u *omissis* quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar id-29 ta' Settembru, 2013, it-30 ta' Settembru, 2013 u fil-gimghat ta' qabel gewwa Triq Misrah Suffara, Rabat, Malta b'diversi atti maghmula minnhom ukoll fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda gabu ruhhom b'mod li taw fastidju lil John Zahra

jew b'mod li kienu jafu jew misshom kienu jafu li dan kien ta' fastidju ghalihom; u

lil **Paul Zahra** wahdu talli bejn id-29 ta' Settembru, 2013 u t-30 ta' Settembru, 2013 u fil-hinjiiet diversi gewwa Triq Misrah Suffara, Rabat, Malta, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel il-hsara kontra l-ligi izda biex jezercita' jedd li jippretendi li ghandu gieghel bl-awtorita' tieghu innifsu lil xi hadd ihallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu jew ihott bini jew b'xi mod iehor kontra l-ligi jindahal fi hwejjeg haddiehor;

Il-Prosekuzzjoni talbet sabiex f'kaz ta' htija, barra milli taghti l-piena stabbilita tapplika l-artikolu 377(5) tal-Kap 9 sabiex tassigura li l-persuna li baghtiet l-ispoll titqieghed ghal kollox fl-istat ta' qabel ma baghtiet l-ispoll kif ukoll li tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-espert skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-9 ta' Ottubru, 2014, li biha ma sabitx lill-imputati Paul Zahra, omissis u omissis hatja tal-ewwel imputazzjoni u lliberathom minnha u wara li sabet lill-Paul Zahra hati tat-tieni imputazzjoni kkundannatu multa ta' mija u hamsin ewro (€150). Odnat lil Paul Zahra li fi zmien jumejn ai termini tal-Artikolu 377(5) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jippristina r-rampa ghall-istat li kienet bi spejjes ghalih u fin-nuqqas jkun ikkundannat ihallas multa ta' ghaxar ewro (€10) ghal kull gurnata jekk jibqa' inadempjenti;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Paul Zahra, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-10 ta' Ottubru, 2014, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn l-appellant kien illiberat minn l-ewwel imputazzjoni u thassarha u tirrevokaha in kwantu ghat-tieni imputazzjoni billi tilliberah minnha;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet lill-abbli difensur tal-appellant u Avukat Generali;

Ikkunsidrat:

1. Illi mill-ftit provi ghad-dispossizzjoni ta' din il-Qorti jidher illi l-kwistjoni odjerna titratta dwar estensjoni ta' rampa ta' garage ghal-parti sostanzjali ta' triq li qed tohloq xi inkonvenjent lill-appellant. Jidher illi l-appellant jirrisjedi magenb il-kwerelant li qed jestendi din ir-rampa permezz ta' materjal konsistenti fi trab li qed jinkines minn xi hadd. L-parti leza, John Zahra, ma deherx quddiem din il-Qorti ghal-zewg seduti konsekuttivi u stante li d-deposizzjoni tieghu ma kienitx registrata fil-prim'istanza, din il-Qorti setghet biss tottjeni din il-ftit informazzjoni mid-dokumenti akkluzi;
2. Illi l-appellant kien illiberat mill-ewwel Qorti fuq l-imputazzjoni ta' holqien ta' fastidju. Dan l-appell ghalhekk jitratta dwar it-tieni reat, cioe l-hekk imsejjah ta' *raggion fattasi,* kif ravvizat fl-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali, allegatament kommess mill-appellant billi nehha ir-rampa tal-kwerelant;
3. Illi minn ezami tal-atti processwali ma jidhirx illi l-ewwel Qorti ezaminat l-fatti mill-ottika tal-insenjament gurisprudenzjali emergenti in rigward tal-artikolu 85. Is-sentenza fl-ismijiet il-Pulizija vs Giuseppe Bonavia et (App Krim 14.10.1944 riportata fil-Vol. XXXII – IV, p.768), segwita kostantement mill-Qrati taghna, tghallem illi ir-reat in dizamina jehtieg il-konkorrenza tas-segwenti erba elementi: a) att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna; b) it-

twemmin tal-imputat li qed jagixxi bi dritt; c) ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jiehu tramite l-process legali; d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi;

4. L-ilment tal-kwerelant jiddifetta proprju fuq l-inezistenza tal-ewwel element ta' dan ir-reat. Huwa naqas milli juri li ghandu xi *prima facie* dritt li jokkupa t-triq bit-tqeghid ta' trab u terrapien sabiex jestendi r-rampa tieghu ghal nofs it-triq. Dan ma jfissirx illi l-appellant kellu d-dritt li jnehhi dak it-terrapien u trab ghaliex dak fih inniffsu jista' jaghti lok ghal kontravenzjoni. Certament, izda, l-azzjoni tal-appellant li jiknes dak l-inkonvenjent minn quddiem ir-residenza tieghu ma jistghax, fil-kaz odjern, jaghti lok ghar-reat in kwistjoni. Ir-rampa li tinsab fil-parti tal-kwerelant kienet u ghadha hemm u ghalhekk anke hawn, l-appellant ma jistax jitqies li b'xi mod ezercita xi dritt li jippretendi li ghandu fuq hwejjeg ta' terzi;

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed ikun milqugh u konsegwentement din il-Qorti filwaqt li tikkonferma il-liberatorja tal-appellant mill-ewwel imputazzjoni, thassarha fil-kumplament u tillibera lill-appellant minn kull htija u piena.